dejjem

*Kreattiv, Innovattiv, Professjonali*

**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena**

**Kulleġġ Marija Reġina**

**Sena Skolastika 2014/2015**

| Is-Sitt Sena | Studji Soċjali | Ħin: Siegħa |
|---|---|---|

Isem: ____________________________________________

Klassi: ____________________________________________

Skola: ____________________________________________

Marka Totali [ ]

## L-Iskart

### A. Imla l-vojt fl-ispazju t-tajjeb. *(3 marki)*

| industrijali, | domestiku, | tal-kostruzzjoni |
|---|---|---|

1. Skart mid-djar = skart ________________
2. Skart mill-fabbriki = skart ________________
3. Skart mill-industrija tal-bini = skart ________________

### B. Kompli:

1. X'tifhem bil-kelma *bring-in-site*? *(2 marki)*

_______________________________________________

_______________________________________________

2. Ikteb l-isem ta' kull kontenitur li nsibu fil-*bring-in-site*: *(4 marki)*

- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________
- ______________________________

## Ċ. Poġġi fil-kolonna t-tajba.

1. Fdal tal-ħobż
2. Flixkun tal-plastik
3. Batteriji li mhumiex *rechargeable*
4. Qoxra tal-bajd
5. Basket tal-plastik
6. Platt disposable
7. Qoxra tal-banana
8. Kartuna tal-ħalib

| **Skart li ma nistgħux nevitaw** | **Skart li ma jmissna qatt niġġeneraw** |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |

*(1/2 marka x 8 = 4 marki)*

## D. Aqra:



Id-dar tagħna li mdawra bil-kampanja se nwaqqgħuha. Missieri ppjana li jibni numru t'appartamenti sbieħ minflokha. Xtara wkoll l-għalqa ta' maġenbna sabiex ikabbar l-art. Se nkunu noqogħdu fil-*penthouse* li se jkun hemm fuq nett. Tgħidx x'veduta se jkollna! Barra minn hekk se jkollna aktar flus għax se nbiegħu numru t'appartamenti. Iġri jibda dan il-proġett!

1. Min se jiddeċiedi jekk dan il-proġett isirx? ______________________________ *(marka)*

2. Kieku int tagħtih permess? ____________________________________________ *(marka)*

   Agħti raġuni: ______________________________________________________ *(marka)*

3. Ikteb:

- Vantaġġ ta' dan il-proġett *(marka)*

  ______________________________________________________________________

- Żvantaġġ *(marka)*

  ______________________________________________________________________

4. Dan huwa żvilupp sostenibbli? *(marka)*

   ______________________________________________________________________

   Għaliex? *(2 marki)*

   ______________________________________________________________________

   ______________________________________________________________________

## E. Aqra

Il-familja Bonanno hija familja Maltija li tgħix l-Imġarr. Iż-żewġt aħwa jieħdu l-lanċ l-iskola f'borża tal-plastik u kif ilestu jarmuha. Magħhom ikollhom flixkun ilma li hekk kif jixorbuh jarmuh.



Omm iż-żewġt aħwa tmur tixtri mingħand is-*supermarket* u dejjem tinsa ġġorr il-basket magħha. Kull darba tixtri basktijiet tal-plastik biex tkun tista' ġġorr l-oġġetti. Tħobb tixtri erba' fliexken tal-ħasil żgħar flok wieħed kbir għax jieħu ħafna spazju.

Il-missier għadu kemm żbarazza l-garaxx. Ħareġ minnu kull tip ta' skart li tefgħu ġo borża taż-żibel u ħariġha barra. Kellu wkoll friġġ ħażina li tefa' taħt il-ħajt tas-sejjieħ fl-għalqa.

Ikteb żewġ modi kif jista' jitnaqqas l-iskart għal kull persuna tal-familja Bonanno.

1. L-aħwa *(2 marki)*

______________________________________________

2. L-omm *(2 marki)*

______________________________________________

3. Il-missier *(2 marki)*

______________________________________________

## L-Assedju l-Kbir

### F. Immarka bis-sinjal (✓) ir-raġunijiet għala taħseb li minħabba fihom it-Torok ħarġu telliefa. B'kollox għandek issib **ĦAMSA**.

Fl-Assedju tal-1565 it-Torok kellhom ħafna iktar suldati mill-Kavallieri u l-Maltin. Minkejja dan, it-Torok xorta ħarġu telliefa. Għaliex? *(1 x 5 = 5 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| a. | Il-Maltin u l-Kavallieri urew determinazzjoni kbira u kuraġġ bla qies; dan qata' qalb it-Torok. | |
| b. | Fis-sajf f'Malta tagħmel sħana kbira u ma jkunx hawn biżżejjed ilma. | |
| ċ. | Malta qiegħda qrib ħafna tal-Afrika. | |
| d. | Lill-Forti Sant'Iermu, it-Torok damu ħafna biex rebħuh u biex għamlu dan tilfu ħafna nies. | |
| e. | Il-Kavallieri u l-Maltin kellhom il-vantaġġ tas-swar tal-Belt Valletta. | |
| f. | It-Torok damu ħafna biex ħadu l-Birgu taħt idejhom. | |
| ġ. | It-Torok kienu 'l bogħod ħafna minn pajjiżhom u ma kienx faċli għalihom li jġibu iżjed suldati u ikel. | |
| g. | Is-swar taċ-Ċittadella t'Għawdex kienu qawwija wisq għat-Torok. | |
| għ. | Il-blat ta' Malta huwa iebes ħafna, allura t-Torok ma setgħux iħaffru mini taħt is-swar bħalma kienu jħobbu jagħmlu. | |

## Ġ. Wieġeb.

1. Il-Forti Sant' Iermu nbena fit-tarf (tal-peniżola Xiberras, tal-Birgu, tal-Isla).

*(marka)*

2. Il-Forti Sant' Anġlu kien jiddefendi prinċipalment lill-(Għolja Xiberras, Birgu, Isla). *(marka)*

3. Fit-tarf tal-Isla kien hemm fortifikazzjoni importanti ħafna biex tiddefendi 'l din il-belt min-naħa tal-art. X'kien jisimha din il-fortifikazzjoni?

_______________________________________________ *(2 marki)*

4. Liema fortifikazzjoni tal-Kavallieri ġiet attakkata l-ewwel fl-Assedju l-Kbir?

_______________________________________________ *(2 marki)*

5. Ikteb l-isem tal-mexxej Tork li miet Malta waqt l-Assedju.

_______________________________________________ *(marka)*

6. X'kienet tfisser ir-rebħa tal-Kavallieri u l-Maltin fl-1565?

_______________________________________________

_______________________________________________ *(2 marki)*



## G. Għaqqad is-sentenzi billi tikteb in-numru fil-kaxxa.

(L-ewwel waħda hija eżempju!)

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1.** | **Is-Sultan Sulejman iddeċieda** | | it-Torok telqu lejn pajjiżhom. |
| 2. | Il-bjar tal-Marsa ġew kontaminati mill-Kavallieri | | f'idejn it-Torok fit-23 ta' Ġunju 1565. |
| 3. | Mustafà Paxà kien | **1** | **li jeqred darba għal dejjem lill-Ordni ta' San Ġwann.** |
| 4. | L-ewwel attakki sofriehom Sant' Iermu li waqa' | | katina biex l-għadu ma jidħolx jattakka bix-xwieni. |
| 5. | Piali Paxà kien | | il-kmandant tas-suldati Torok. |
| 6. | Mill-ponta tal-Isla għall-ponta tal-Birgu, il-Kavallieri għamlu | | u bosta Torok sofrew mard bħad-disenterija. |
| 7. | Wara li ġriet l-aħbar li kienet waslet l-għajnuna minn barra, | | il-kmandant tal-flotta Torka. |

*(marka x 6 = 6 marki)*

## GĦ. Veru jew Falz? (L-ewwel waħda hija eżempju!)

| | | |
|---|---|---|
| **1.** | **Il-Kavallieri u t-Torok kienu ħbieb u kienu jagħmlu ħafna kummerċ bejniethom.** | **Falz** |
| 2. | Ħafna mill-Kavallieri kienu ta' Reliġjon Musulmana. | |
| 3. | Waqt l-attakk fuq il-Forti Sant'Iermu mietu madwar 1,500 Malti. | |

| | | |
|---|---|---|
| 4. | It-Torok għamlu l-kamp prinċipali tagħhom f'Marsaxlokk. | |
| 5. | Toni Bajada kien għawwiem Malti li ssogra ħajtu kemm-il darba biex iwassal messaġġi lill-Kavallieri. | |
| 6. | Fuq il-bandiera tat-Torok hemm in-nofs qamar. | |
| 7. | Don Garcia de Toledo kien il-mexxej tal-Maltin u l-Kavallieri waqt l-Assedju. | |

*(marka 1 x 6 = 6 marki)*

## Il- Belt Valletta

### H. **Wieġeb** dawn il-mistoqsijiet.



1. Għalfejn bnew il-Belt Valletta?

________________________________________ *(2 marki)*

2. Meta beda x-xogħol fuq il-Belt Valletta?

________________________________________ *(2 marki)*

3.Għalfejn semmew din il-belt, il-Belt Valletta?

________________________________________ *(2 marki)*

4. Fuq liema għolja nbniet din il-belt?

________________________________________ *(2 marki)*

5. Minn fejn kellu jinqata' l-ġebel għall-bini tal-Belt Valletta?

______________________________________________ *(marka)*

6. Il-knisja konventwali hija ddedikata lil __________________ *(marka)*

## Ħ. Bini fil-Belt Valletta

1. Il-kavallieri ħadu ħsieb li jibnu u jżejnu lill-Belt Valletta mill-aħjar li setgħu. Semmi 2 binjiet li nsibu fil-Belt Valletta. *(2 marki)*

i________________________

ii. ________________________



2. L- istampa turi pjanta tal- ____________________________ *(2 marki)*

3. Ħares lejn il-pjanta. X'hemm fin-nofs?____________________ *(marka)*

4. X'tista tgħid dwar il-faċċata ta' din il-binja?

_______________________________________________*(marka)*

## I: Imla l-vojt b'dan il-kliem: *(½ mark X 10 = 5 marki)*

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| nobbli | barokk | palazz | fortizza | belt |
| sinjuri | familji | tiżjin | kavallieri | swar |

Billi l-__________________ kienu sinjuri għax kienu ġejjin mill-aqwa __________________ fl-Ewropa, riedu jsebbħu l- __________________ mill-aħjar li setgħu. Bnew __________________ ġodda u bini ġdid li kien għen biex isaħħah il-belt bħala__________________. Komplew isebbħu l-belt bħala belt kapitali ta' nies __________________ u __________________ Ewropej.

Il-kavallieri bdew jagħtu izjed każ tat-__________________ tal-bini. Bdew jikkompetu bejniethom dwar min kellu l-isbaħ __________________. Il-knisja konventwali ta' San Ġwann reġgħet ġiet imżejna fuq stil __________________.



## J. Aqta' min jien. Personaġġ jista' jintuża aktar minn darba.

*(6 marki)*






| Jean De La Vallette | Francesco Laparelli | Papa Piju | Ġlormu Cassar |
|---|---|---|---|

1. Jien fassalt il-pjanta tal-Belt il-ġdida. ______________________
2. Jien għamilt minn kollox biex nibni belt ġdida. ______________________
3. Jien ġejt mitlub l-għajnuna mill-Granmastru u għalhekk bgħatt lill-perit espert tiegħi. ______________________
4. Jien kont il-perit prinċipali tal-Ordni. ______________________
5. Jien ġibt minn flusi 500 ħaddiem Taljan biex jgħinu fil-bini tal-belt. ______________________
6. Jien fassalt il-pjanti tal-aktar binjiet importanti fil-belt il-ġdida. ______________________

**TMIEM IL-KARTA**